MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 61/2007/1

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Publius Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Publius Zammit talli (flimkien ma' Joseph Cini):

(1) Gewwa s-Swieqi fil-perijodu ta' bejn it-3 ta' Novembru 2000 u t-3 ta' Dicembru 2000 ikkommettew serq ta' diversi oggetti, fosthom ghamara antika, minn fond "Violetera", Lourdes Lane, Swieqi, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi Lm1,000, hin u lok u li sar ghad-detriment ta' John Anthony Refalo;

(2) Gewwa l-Madliena fil-perijodu ta’ bejn is-16 ta’ Dicembru 2000 u l-31 ta’ Dicembru 2000 ikkommettew serq ta’ diversi oggetti, fosthom ghamara ntika, minn fond numru 12 Triq il-Harrub, Madliena, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi Lm1,000, hin u lok u li sar ghad-detriment ta’ Martin Borg;

(3) Fid-19 ta’ Jannar 2001 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, f’Malta, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Lil Publius Zammit wahdu talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar 10 ta’ Mejju 2000, 21 ta’ Mejju 1997 u 2 ta’ Awissu 1996, kif ukoll mill-Qorti ta’ Appell nhar-it 22 ta’ Lulju 1996 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Frar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Publius Zammit mhux hati ta’ l-ewwel u t-tieni akkuzi li minnhom illiberatu pero` hati tat-tielet u r-raba’ akkuzi u, wara li rat l-artikoli 18, 31, 279(2), 289, 334, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal erba’ snin prigunerija.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Publius Zammitipprezentat fis-16 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati ta’ l-ewwel u t-tieni akkuzi u lliberatu minnhom u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tielet u l-hames akkuzi u tilliberah minnhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant Publius Zammit huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-kredibilita` tieghu kienet erroneja; (2) l-appellant la kien jaf u lanqas messu kien jaf li certi oggetti li hu u Joseph Cini kienu qeghdin ibieghu kienu misruqa; (3) bla pregudizzju, hemm lok ta' tibdil fil-piena.

L-ewwel zewg aggravji jehtiegu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Issa, fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jirreferi ghall-osservazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti li wassluha biex ma taghtihx affidament. (1) Jirreferi l-ewwelnett ghall-osservazzjoni ta' dik il-Qorti li l-appellant ma jistax jitwemmen li ma kellux suspetti dwar il-provenjenza ta' l-ghamara ghaliex Joseph Cini kellu fedina penali twila u

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

kien il-habs. L-appellant pero` jghid illi anke hu kellu numru ta’ kazijiet kriminali minhabba l-vizzju tad-droga, izda la rnexxielu jehles minn dak il-vizzju huwa haseb li anke Cini kien qed jibda pagna gdida f’hajtu. (2) L-appellant jirreferi wkoll ghall-osservazzjoni ta’ l-ewwel Qorti li huwa ma setax ma kienx jaf li xi oggetti mibjugha minnhom kienu misruqa ghaliex hu u Cini kienu qed igorru l-ghamara flimkien, kienu qed jidhlu jinnegozjaw il-bejgh flimkien u hadu l-flus flimkien. L-appellant isaqsi ghaliex kellu bil-fors ikun jaf li xi ghamara kienet gejja minn serq; wara kollox Cini kien qed jallega mieghu li kien qed ihallas biex jixtri l-ghamara u b’hekk ma kienx qed jaqsam ir-rikavat tal-prezzijiet tal-bejgh ma’ l-appellant, anzi kien jghidlu li l-anqas kien qed ikollu qliegh bizzejjed biex ihallas il-kera tal-mahzen. L-appellant jirreferi wkoll ghax-xiehda ta’ Iris Scott li qalet li ma kien gieha ebda suspett li l-oggetti mibjugha lilha kienu misruqa ghax kienu jinbieghu f’nofs pjazza. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti ma emmnitx li mic-cekkijiet mahruga f’isem l-appellant huwa ftit li xejn ha minnhom u assumiet li kien qed jaqsam ir-rikavat ma’ Cini. Izda l-appellant qal dan fl-istqarrija tieghu u kkonferma bil-gurament quddiem l-ewwel Qorti. (3) L-appellant imbaghad jirreferi ghar-raguni moghtija mill-ewwel Qorti li l-appellant ma kienx kredibbli ghax meta mistoqsi kemm-il darba rcieva cekkijiet, qal li darba u li fid-darba sussegwenti mar jitlob lix-xerrejja tibdel ic-cekkijiet u tohroghom fuq isem Cini, imbaghad irrizulta li huwa ha tliet cekkijiet. Madanakollu jirrizulta li tnejn minn dawn ic-cekkijiet hargu flimkien fit-30 ta’ Novembru 2000 u ghalhekk dawn ghandhom jitqiesu bhala okkazjoni wahda. U jekk l-appellant xehed wara numru ta’ snin, wiehed jifhimha li jkun nesa li kien inhareg cekk iehor fuq ismu xi gimghat wara. Barra minn hekk ix-xhud Grima kkonfermat li ntalbet tirtira c-cekkijiet mahruga f’isem Publius Zammit, u dan jikkorrobora l-verzjoni ta’ l-appellant.

Is-sottomissjonijiet ta’ l-appellant ghandhom valur argumentattiv sostanzjali. Izda din il-Qorti, hi soddisfatta, bhalma kienet l-ewwel Qorti, illi l-appellant ma setax jitqies ghal kollox affidabbli. Hekk, per ezempju, fl-istqarrija tieghu, mistoqsi xi jghid ghall-osservazzjoni li kien jaf li

Cini qed imur jisraq l-ghamara, l-appellant wiegeb: “Fl-ahhar ghaddieli hsieb, u ghalhekk keccejt kollox ‘il barra.” Ciononostante, fl-istess stqarrija tieghu jammetti illi kien mar  wahdu jbiegh xi affarijiet li kien ghad baqa’ lil Iris Scott “wara li keccejtu ‘l barra bl-ghamara b’kollox”. Inoltre r-rwol passiv  li jsostni li kellu jikkontrasta ma’ dak li qalu x-xhieda.

Iris Scott xehdet li ghandha hanut li jismu Antiques Corner li jinsab 46 St. Albert Street, il-Gzira. Hija stqarret li kienu marru ghandha Joseph Cini u Publius Zammit flimkien u bighulha l-affarijiet li jidhru fir-ritratti Dok. SV1 sa SV13 – specifikatament il-gradenza antika. Qalet li l-aktar li kien jitkellem kien Joseph Cini. Dwar il-prezz kienu qishom jikkonsultaw lil xulxin u “qisu l-aktar li jiehu f’idejh l-affarijiet kien Joseph Cini”. Indikat ukoll l-affarijiet fir-ritratti SVX1 sa 7 bhala oggetti li kien mar bihom Publius Zammit wahdu. Hija kienet tinsisti li thallas b’cekk hlief ghal xi affarijiet zghar. Qalet li kienu jghidulha li huma *antiques dealers*, li missier Joe Cini jifhem hafna u jixtru djar shah mbaghad ibighhom.

Carmen Grima xehdet illi ghandhom hanut bl-isem Victorian Antiques f’ Zelqa Street, Naxxar. Hija qalet li xtrat *bureau bookcase* li jidher fir-ritratti Dok. SVY1 sa 4 minghand Joseph Cini u Publius Zammit. Ftehmet li tmur tara l-ghamara l-Msida. Iltaqghu quddiem il-Knisja ta’ l-Msida u filwaqt li Zammit qaghad maghha, Cini mar ghac-cwievet tal-post u dahluha f’dar zghira fejn urewha *bureau bookcase* u gradenza zghira bil-wicc mahruq sew. Talbuha Lm3500 u Lm3000 rispettivament. Hija qaltilhom li ma kinux jghoddu ghaliha, qalulha li kien sejjer xi hadd iehor jara l-ghamara u jinfurmaha kif baqghu. Fil-fatt xi hadd minnhom cempel u qallha li kienu nbieghu. Wara xi jumejn rega’ cemplilha wiehed minnhom u qallha li l-mara li bighulha l-affarijiet riedet thallas bin-nifs izda li jekk hi thallas *cash* kienu jtuhielha. Mar it-tifel jara l-ghamara u wara xi negozjati ftehmu fuq Lm1200 ghall-*bureau bookcase*. Ghamlet zewg cekkijiet wiehed ghal Lm900 u iehor ghal Lm300 fuq Publius Zammit u telqu. Wara nofs inhar cemplulha u qalulha li kienu sejrin jaghmlu xirja u li min hu *cash* irid u mhux cekkijiet *endorsed*. Meta marru

ghandha hija biddlet ic-cekk ta’ Lm300 billi tathom Lm300 *cash* u c-cekk ta’ Lm900, billi “dan li hu ma jridniex nendorsjawh ic-cekk” talbuha “taghmlu mill-ewwel fuq J. Cini”. U hekk ghamlet. It-tnejn li huma nnegozjaw maghha fuq il-prezz. Mistoqsija min qallha “tini l-flus u l-iehor aghmlu f’isem J. Cini” wiegbet “It-tnejn, bdew jaqbzu fuq xulxin.” Ix-xhud qalet li qaghdu jghidulha li missier Cini ghandu hanut tal-ghamara antika San Gwann hdejn il-knisja.

David Grima, iben Carmen Grima, xehed illi kien mar il-hanut l-appellant Joseph Cini li qallu li ghandhom xi ghamara ghall-bejgh u tah in-numru tal-*mobile* tal-mama` tieghu sabiex jikkuntatja lilha u tmur tara l-ghamara hi. Qal li marret tara l-ghamara izda qaltlu li l-prezz kien *above market price*. Wara xi gimgha Carmen Grima qaltlu li kienu regghu cemplu biex jinfurmawha li jekk thallas *cash* kienet tiehu l-*bureau bookcase* hi. Mar jaraha. Huwa qallhom kemm kien lest joffri taghha u l-appellant Joseph Cini qallu “Kif jista’ jkun? Il-*mummy* taghtni Lm1,500 taghha, kif issa qed tghidli hekk?” Ix-xhud wiegbu li ma kienx veru li qaltlu hekk u Cini wiegbu “Jekk mhux veru, obzoqli f’wicci”. Fl-ahhar ftehmu fuq Lm1,200 u Cini u Zammit ikkonsenjaw l-*bureau bookcase* l-hanut. Il-mama` tieghu hallsithom b’cekk u wara cemplu biex jitolbuha *cash*. Irritornaw il-hanut u tathom Lm300 *cash* u cekk ghal Lm900 ghamlitu pagabbli, skond ix-xhud, lil Publius Zammit – il-persuna li l-mama` tieghu kienet taht l-impressjoni li kienet il-persuna li minghandha kienu se jixtru xi ghamara.

Fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant jghid li la rnexxielu jehles mill-vizzju tad-droga, haseb li anke Cini kien qed jibda pagna gdida. Dan la jirrizulta mill-istqarrija u lanqas mix-xiehda li ta quddiem l-ewel Qorti. Mir-rapport ta’ l-ufficjal tal-*probation* Mary Rose Farrugia pero` jirrizulta illi ghal diversi snin verament l-appellant kellu problema ta’ abbuz tad-droga izda jirrizulta wkoll illi ghadu jattendi d-Detox Centre ghall-methadone.

L-appellant isostni illi huwa nstab hati ta’ ricettazzjoni wara li gie applikat l-insenjament tar-*recent possession*.

Isostni pero` illi huwa la kien jaf u lanqas messu kien jaf li certi oggetti li kienu qed jinbieghu kienu misruqa. Huwa ta spjegazzjoni *a tempo vergine* fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija. Jghid illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha ghax ma emmnitx li z-zewg koakkuzati kienu tant hbieb u tant hadmu flimkien biex ibieghu l-ghamara u Cini ma qal xejn lill-appellant dwar il-provenjenza llegali ta' l-istess ghamara. Cini kellu kull interess li jahbi dan il-fatt mill-appellant biex ir-rikavat jiehdu kollu hu. Kieku l-koakkuzati kienu daqstant hbieb, kienu jiftehmu x'jghidu lill-Pulizija jekk ir-reat taghhom jinkixef. Tant ma ftehmux illi l-istqarrijiet taghhom huma kompletament opposti ghal xulxin.

M'hemm l-ebda dubju illi l-istqarrijiet taz-zewg koakkuzati huma opposti ghal xulxin tant illi Cini cahad kollox filwaqt illi l-appellant ta spjegazzjoni ghall-agir tieghu. Din il-Qorti hi propensa li temmen illi l-interess li kellu l-appellant kien li jdahhal il-kera li kien ftiehem ma' Cini ghall-magazzinagg tal-post. B'danakollu, kif anke jidher mix-xiehda li huwa ta quddiem l-ewwel Qorti meta jghid "bdiet toghkorni ghajni mill-affarijiet", xorta baqa' "jigri warajh" fil-bejgh ta' l-ghamara sabiex jipprova jigbor il-kera dovuta lilu u biex jehles mill-affarijiet fil-post. Jigifieri huwa "ndahal biex ibiegh jew imexxi" l-affarijiet in kwistjoni li kienu provenjenti minn serq u ma hax azzjoni immedjata biex jehles mir-responsabbilta` li setghet tigi addossata lilu, kif effettivament giet sussegwentement addossata.

Ghaldaqstant l-ewwel zewg aggravji qed jigu respinti.

It-tielet u l-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. Issa, din il-Qorti, wara li kienet ezaminat l-atti tal-process, ordnat li jsir *pre-sentencing investigation report*. Minn dan ir-rapport effettivament irrizulta illi l-appellant "ghandu karattru dghajjef u facli jigi nfluwenzat. Persuni xejn tal-galbu u b'ghanijiet hziena kapaci jressquh lejn in-negattiv u jinqdew bih ghall-iskopijiet hziena taghhom". Jidher li kien proprju dan li kien ghamel Joseph Cini u l-appellant, minhabba l-karattru dghajjef tieghu, ma setax jirrezisti ghall-kapacitajiet perswasivi ta' Cini. Sfortunatament, anke jekk stess l-intenzjonijiet inizjali ta' l-appellant kienu

genwini, gie traxxinat mill-eventi biex irrenda ruhu kompartecipi fil-bejgh ta' oggetti li kien jaf, jew almenu messu kien jaf, kienu provenjenti mis-serq. Fortunatament, mill-istess rapport jirrizulta illi l-appellant irranga hafna hajtu u l-problema ta' l-abbuz tad-droga hi taht kontroll, ghandu impjieg stabbli u ghandu familja. L-ufficjal prosekutur stess qal lill-ufficjal tal-*probation* li sentenza karcerarja tista' tkun ta' detriment ghall-appellant f'dan l-istadju. It-tabib Dr. George Grech tkellem ma' l-ufficjal tal-*probation* b'mod pozittiv dwar l-appellant. It-tabiba Dr. Maria Sciberras ukoll infurmat lill-ufficjal tal-*probation* li llum l-appellant jidher li biddel hajtu, ghamel progress kbir u mmatura hafna, u li l-appellant u martu ghadhom izuruha perjodikament. Dan kollu wassal lill-ufficjal tal-*probation* tissuggerixxi sanzjonijiet ibbazati fil-komunita` b'element ta' supervizjoni.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi din il-Qorti ma ssibx raguni ghaliex m'ghandhiex takkolji r-rakkomandazzjoni ta' l-ufficjal tal-*probation* u sejra ghaldaqstant taghmel ordni ta' *probation* – u dan wara li l-appellant iddikjara li lest joqghod ghal tali ordni – sabiex l-appellant ikollu s-supervizjoni mehtiega filwaqt illi taghmel il-kondizzjonijiet attinenti sabiex jigi assigurat li jibqa' mbieghed mill-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' erba' snin u minflok tqieghdu taht *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' tliet snin millum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness, <u>bl-avvertiment car li jekk, bl-icken mod, jikser xi kondizzjoni li ser tinghatalu, imbaghad ikollu jiffaccja r-riguri kollha tal-ligi appena xi nuqqas jigi rapportat lil din il-Qorti.</u> Din il-Qorti fissret bi kliem car lill-appellant l-effetti ta' l-ordni skond is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija in kwantu tirrigwarda l-istess Publius Zammit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------